Kunsill Lokali
Għajnsielem

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 29- Il-Tlieta 2 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru t'Ottubru fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**29.1 Talba**

29.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**29.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

29.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi beda' l-laqgħa b'referenza għas-suċċess kbir miksub mill-edizzjoni tal-Halloween ta' din is-sena. Huwa ddeskrivih bħala suċċess kbir u l-attendenza ta' dawk li żaru l-Ghajnsielem Haunted Garden ma' qatgħet xejn għal tlett ijiem sħaħ. Huwa rrefera għal-kliem ta' tifħir li rcevejna li jimlewna kuraġġ sabiex sena oħra nkabbru fuq dak li diġa bnejna flimkien. Is-Sindku rringrazzja b'mod speċjali lill-kunsillier Stephen Mercieca tal-kontribut kbir tiegħu sabiex inbniet id-dar, lil Paul Stellini li assistih fid-disinn u ż-żebgħa tal-kamra u lill-ħaddiem Josef Camilleri tad-dekorazzjonijiet li għamel tal-Halloween u ringrazzja wkoll lill-kunsillier Teddy Saliba għall-assistenza tiegħu għall-pumpkin crafting, u xiri tal-helu. Is-Sindku fakkar li l-ispejjes li ħriġna għall-din l-attivita' ser jiġu klejmjati mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. L-iskema ser tikkaverja sa massimu ta' €5000 ta' spejjes. Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li sena ohra ghandha ssir entrance u exit biex tingħata direzzjoni organizzata. Is-Sindku rrefera b'suċċess ukoll għall-attivita' tat-tfal tal-iskola ħadu pjaċir ħafna bl-attivita' li għamilna. Ringrazzjament specjali tmur ukoll lejn il-kunsillier Teddy Kunsillier u anke Bryana Saliba għall- preparazzjoni rikjesta minn din l-attivita' li ġiet apprezzata wkoll ferm mill-kap tal-iskola.

29.4.2 Is-Sindku ressaq il-proposta li hekk kif qorbot il-festa ta' San Martin, ta min iqajjem din it-tradizzjoni u jagħti borza ta' San Martin lit-tfal u xi nformazzjoni dwar din il-festa. Sar qbil li għandna niċċekjaw jekk hemmx xi tfal ibatu b'xi allergija tan-nuts.

29.4.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-kuntatti li għaddejjin bħalissa mal-Ministeru tal-Edukazjzoni sabiex jsir il-launching tal-Open Mini Libraries. Qed nistennew li tingħata data u nagħmlu attivita' qasira flimkien mal-iskola primarja.

29.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal 'On the Road' Exhibition 2022 fejn għaliha jinħtieġ li nagħżlu erba' photographers mill-lokal. Is-Sindku propona lis-Sur Joseph Carabott, lis-Joseph Sultana, lis-Sur Paul Stellini,u lis-Sur Charlie Buttigieg. Huwa talabhom jekk jafux b'xi ħadd ieħor biex ninkluduh iżda l-Kunsilliera ma jafu b'ħadd aktar. Is-Sindku spjega kif ir-ritratti tal-irħula ser ikunu qed iduru minn raħal għall-ieħor f'din l-esebizzjoni.

29.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellna bħala Kunsill mal-Minsiteru għal Għawdex Clint Camilleri fejn ikkonferma li ser jiffinzajlna l-proġett tal-playingfield Amabile Cauchi filwaqt li se jipprova jibgħat ħaddiem għal Ta' Passi. Sar qbil wkoll li l-Ministeru jgħinna fil-platform tax-Xatt l-Aħmar li ser issir mill-ħaddiema tas-CMU. Tkellemna wkoll dwar il-Pjazza Madonna ta' Loretu fejn urejna ix-xewqa li x-xogħol jitkompla. Mid-diskussjoni li tqajjmet jidher li mhux faċli minħabba li l-Kurja jista jkun li ma żammitx l-parti tagħha tal-obbligu li tal-finanzjament dik li nofs l-ispejjes jintefqu mill-Gvern u l-kumplament mill-kurja. Il-Kunsill qabel pero li għandna naraw kif nistgħu nimxu il-quddiem bil-għan finali li naraw dan il-proġett mitmum. L-interess tagħna u dak tal-Ministeru għal Għawdex huwa

li l-pjazza ssir iżda l-kurja jinħtieġ li toħroġ il-parti tagħha. Fil-laqgħa ġiet ukoll diskussa l-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem u ser nkunu qed nitkellmu aktar fid-dettal fil-jiem li jmiss mal-awtoritajiet tas-saħħa. Il-Minsiteru wera ix-xewqa li Bethlehem jsir bħas-snin ta' qabel.

29.4.6 Is-Sindku għamel referenza għall-ħtieġa li nerġgħu nittrimjaw is-siġar tal-Pjazza tad-Dehra biex inżommuhom l-istess shape.

29.4.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall-quddiesa ta' Jum Għawdex li huwa attenda għaliha flimkien ma' Sindki oħra.

29.4.8 Irrefera wkoll għaċ-ċerimonja tat-Tifkira tal-Għarqa li kienet tikkonsisti f'quddiesa fil-Knisja tal-Patrijiet u wara tpoġġew il-fjuri mal-luzzu barra miż-Żewwieqa.

29.4.10 Is-Sindku għamel referenza wkoll għas-sottomissjoni tagħna tal-Climate Change Award fejn iħossu onorat u sodisfatt li minkejja li ma rbaħna l-ebda premju, ikklassifikajna mal-finalisti u konna qed nikkompetu ma' entitajiet mill-kbar nett.

29.4.11 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' rappreżentant tal-Antidot fejn joffru sistema li jkollok speċi ta' machine simili għal-Atm fejn wieħed jġib il-flixken u jimlihom bl-ilma tal-gas jew still water li jkun tajjeb għax-xorb minn supply tal-ilma li tiġi provduta minnha. Dan ikun servizz ieħor għall-pubbliku fejn jistgħu jimlew il-flixken tagħhom bi ftit ħlas.

29.4.12 Is-Sindku spjega kif qed jistħarreġ dwar l-aħjar soluzzjoni għall-problema ta' trailers fi Triq Bwier ħdejn il-Heliport sabiex jitneħħew. Il-problema hija fejn se jitpoġġew dawn it-trailers wara li titpoġġa notice fuqhom mill-pulizija sakemm jgħaddu it-tlett xhur tal-scrapping. Rigward tindif tas-sit, is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom mad-Direttur tal-Foundation for Social Welfare Services li wera interss kbir li jgħin fejn hu meħtieġ. Sadanittant minn naħa tagħhom bdew il-bini tal-ħitan f'din l-area. Sar qbil li f'dan l-istadju għandna nwaħħlu avviż fuq dawn il-karrijiet li jindikaw li wara perijodu ser joħroġ avviz fuq il-gazetta tal-gvern u wara ser imorru għall-iscrapping.

29.4.13 Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' Cleanup li ser issir fil-Wied tal-Gudja nhar is-Sibt, 13 ta' Novembru 2021. Huwa spjega kif ser jingħaqdu magħna il-Cast Out Group, l-Anglicans Group u l-Għaqda 'Nadur Nadif'. Ser nagħmlu avviż sabiex ikunu jistgħu jingħaqdu magħna volutiera oħrajn. Irridu naħsbu għal proviżjon ta' xkejjer ħodor u ngwanti. Is-Sindku rrefera wkoll għall-Castout group li wara diversi cleanups li wettqu inkluż f'Għajnsielem, għamlu xbieha ta' wiċċ Kristu fid-daħla ta' Pinu magħmula minn flixken tal-plastic li nġabru waqt diversi clean ups u l-quddiem jixtiequ jsibulha post permanenti. Dawn għoġobhon jagħmlu l-ewwel offerta lil Kunsill tagħna . Irridu naraw bħala Kunsill jekk naċċettawhiex. Il-Kunsill iddiskuta l-post u ħareġ bl-idea li ssir ġo għalqa f'Ta Passi fejn hemm l-arena tar-rumani u

nagħmlu sett ta' kundizzjonijiet mas-sid. Il-Kunsill qabel mal-post u sar qbil li għandna navviċinaw lis-sid.

29.4.14 Is-Sindku rrefera wkoll għall-President Fun Run li ser fil-21 ta' Novembru b'riżq il-Community Chest Fund. It-tluq ser isir minn quddiem il-Kunsill fl-10.00am lejn Triq Briegħen, Torri Santa Ċeċilja u lura lejn il-Pjazza. Kull min jixtieq jieħu sehem fil-Fun Run 2021, jista' jirreġistra b'donazzjoni ta' €10, billi jew iżur il-Kunsill Lokali tal-lokalità tiegħu jew inkella japplika mis-sit elettroniku mccf.store. Dawk li jattendu ser jieħdu pjaċir waqt li jkunu qed jgħinu għal dan l-għan nobbli.

29.4.15 Is-Sindku xtaq li bħala Kunsill nifirħu b'mod uffiċjali lil Dr Joseph Caruana li laħaq President ta' Wirt Għawdex. Żgur li se nkomplu naħdmu flimkien għall-aħjar interess tal-patrimonju u wirt Għawdxi.

29.4.16 Is-Sindku spjega kif ninsabu f' kuntatt mas-Sur Emanuel Saliba sabiex jitnaddaf il-ġebel u terrapien li jinsab quddiem il-parkeġġ ta' taħt il-każin tal-Banda . Is-Sindku spjega kif sabiex inkunu żguri li nsibu kompromess saħansittra offrejnielu s-servizz ta' crane. Dan ix-xogħol mistenni jsir fil-ġranet li ġejjin.

29.4.17 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-diversi charing point pillars li saru madwar Għajnsielem. Is-Sindku spjega d-diżappunt tiegħu li ma' konniex infurmati qabel ma nbeda x-xogħol fuqhom u fil-fatt saret xi ħsara ta' qtugħ ta' cables għas-supply tal-fanali fil-Parking area. Huwa spjega li għaddejjin diskusjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni teknika. Madanakollu dan il-proġett huwa żvilupp pożittiv ħafna sabiex jiċentiva aktar vetturi elettriċi. Kien ikun ideali pero li kieku kkuntatjawna qabel ma nbeda t-tqattigħ. Issa rriżulta li hemm ħsarat kbar fil-parking u rridu naraw kif ser insewwu dawn il-problemi.

29.4.18 Is-Sindku rrefera għall-ilment li daħal dwar issue li hemm fi Triq il-Provigarju dwar il-cranes u inġenji fit-triq minn *mechanic* u problema ta' nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti t'hemm. Ġiet diskussa l-possibilita' li nwittu biċċa u nnadfu terrapien biex it-triq tkun tista titwessa'. Sar qbil li għandna nikkuntatjawh sabiex jillimita l-parkeġġ.

29.4.19 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Macst u ddesdkriviha bhala waħda kordjali ħafna. Matulha ġew diskussi diversi proposti ta' kooperazjzoni flimkien fosthom cleanups, użu tal-ġnien eċċ. Minn naħa tagħhom talbuna wkoll sabiex nintroduċu *cigarette bin* u talbuna nkabbru l-bin eżistenti. Minn naħa tagħna l-bin kabbarnih u l-kunsill qabel li għandu jinxtara cigarette bin. Is-Sindku spjega kif minn naħa l-oħra ir-Rexy aċċetta li ntellgħu l-ħajt ta' Triq J F de Chambray u qalilna wkoll li jekk irridu nistgħu nagħlqu l-aċċess ukoll. Is-Sindku spjega kif minn wara l-laqgħa l'hawn saret cleanup flimkien mal-istudenti tal-MCAST.

29.4.20 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal ktieb li ser tinawgura tfajla għajnselmiża Elena Cardona fejn talbitna ngħinuha fil-kiri ta' sala għall-inawgurazzjoni tiegħu. Sar qbil li għandna noffrulha s-sala tal-Kunsill jew inħallsulha kiri ta' sala u nixtru xi kotba minn tagħha wkoll għax b'hekk inkunu qed ngħinu t-talent lokali.

## 29.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

29.5.1Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrefera għal kuntatt li kellu ma' persuna minn Norway li wriet interess li tqabdilna kuntatt ta' hbiberija ma' sit f'dan il-pajjiz. Huwa għadda l-kuntatt lis-Sindku. Il-kunsill faħħar din l-inzjattiva u qabel li għandu jkompli b'dawn il-kuntatti.

29.5.2Is-Sindku Kevin Cauchi sadanittant rrefera wkoll għal kuntatt li kellu mal-eks Sindku ta' Birżebbugia permezz tal-Kunsillier Larry Buttigieg fejn propona li ssir xi tip ta' ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill qabel dwar dan u li għandu jipproċedi.

29.5.3Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nibdlu l-bankina taċ-ċimiterju peress li tinsab fi stat ħażin.

29.5.4Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħmieġ li hemm mit-trailers l-isfel fi Triq il-Briegħen. Is-Sindku rrefera għal fatt li fil-post imsemmi saret cleanup u x'ħin qatgħu l-ħaxix ħallewh hemm. Sar qbil li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex ineħħuh.

29.5.5Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-attivita' tal-Halloween bħala suċċess kbir u ħass li għandu jgħid prosit lil kull min ta sehmu.

29.5.6Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera b'sodisfazzjon għat-tindif li sar minn resident li konna tlabnih sabiex inaddaf quddiem ir-residenza tiegħu, fejn jidher li kkollabora u naddaf.

29.5.7Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ħtieġa ta' tiswija ta' lampa fi Triq Firilla għax ilha rrapurtata ħafna.

29.5.8Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għax-xogħolijiet li qed isiru fi Pjazza Tolfa u għall-fatt li l- kantunieri ġew perikoluzi ħafna. Is-Sindku wieġbu li dan il-fatt diġa ġie nnotat u kkonsultat mal-Perit bi qbil li jinqatgħu fit-tond.

29.5.9Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għas-sinjali mmarkati bl-orangjo ma' xi toroq fosthom fi Triq il-Briegħen għal xiex qed iservu. Sar qbil li għandna niċċekjaw peress li ma aħniex konxji tagħhom.

29.5.10Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħatra tas-Sindku l-ġdid ta' Tolfa Stefania Bentivoglio u li għandna nifirħulha formalment u wkoll

nirringrazzjaw lis-Sindku ta' qabel Luigi Landi tal-koperazzjoni li dejjem sibna minn għandu.

29.5.11Il-Viċi Sindku Franco Ciangura fejn wasalna bil-kuntratt tal-patching. Is-Sindku wieġbu li bdejna bit-tiswija ta' xi ħofor żgħar u issa eventwalment ser nibdew bis-sistema l-ġdida u bl-appart il-ġdid.

29.5.12 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura fakkar fil-ħtieġa ta' railing ħdejn Rexy Restaurant.

## 29.6 Korrispondenza

29.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal double yellow lines fi Triq Cordina faċċatta tar-residenza Plover peress li qed jipparkjaw in-naħa tat-tnejn u mhux qed inkunu jistgħu jgħaddu it-trukkijiet. Sar qbil li għandna niċċekjaw saritx.

29.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal disabled parking bay quddiem North Gate Apartments fi Triq Ġużeppi Cauchi. Sar qbil li għandna nitolbu jipprovdu l-blue badge u japplikaw ma' Transport Malta.

29.6.3 Ġiet trattata t-talba mingħand l-Għaqda Hbieb tal-Presepju biex ngħinuhom itellgħu esebizzjoni tal-presepji tal-Milied. Bħala Għaqda offrewlna l-għajnuna tagħhom għall-Halloween permezz tal-artist Paul Stellini fejn ddisinja u penġa l-Haunted House mingħajr ħlas ta' xogħolu. Il-Kunsill qabel li għandu jgħinhom billi jixtri l-injam li għandhom bżonn għall-armar ta' din l-esebizzjoni bħala għajnuna u bħala ringrazzjament.

29.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Għajnsielem FC fejn talbuna ngħinuhom fil-fencing u manutenzjoni tal-grawnd wara li kienet saret ħafna ħsara wara grigalata ta' tlett snin ilu. Sar qbil li peress li nuzaw il-grawnd għall-attivitajiet tagħna wkoll għandna ngħinu f'parti mill-manutenzjoni għall-ammont ta' €1700. Sar qbil li għandna ninfurmawhom b'dan u li nistennew kontribuzzjonijiet f'sighat t għajnuna f'attivitajiet li jkollu l-Kunsill.

29.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand RUST rigward l-isponsor tal-lezzjonijiet tal-BMX. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jisponsorja dawn il-lezzjonijiet sportivi.

29.6.6 Ġiet trattata l-email mingħand it-tenur Charles Buttigieg fejn talab xi għajnuna mill-Kunsill biex itella' l-kunċert tiegħu nhar it-22 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill qabel li għandu joffri xi tip ta' għajnuna fejn meħtieġ.

## 29.7 Updates Proġetti

29.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta aġġornament dwar il-proġetti li għaddejjin bihom fosthom:

29.7.2 **Pjazza Tolfa** - Huwa spjega kif l-istruttura tal-green canopy tinsab lesta. Fil-prezent qed jinġabru stimi tas-siġar u xtieli li ser jitħawwlu fuq il-post. Dawn qed jithallsu mill-iskema ta' Ambjent Malta

29.7.3 **Playingfield Gudja** - It-tender ġie evalwat u l-orħos offerta hija dik ta' Mark Attard għall-prezz ta' € 191,892.50 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li saret bejn Galea Curmi u Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv rigward it-tender tad-dawl fejn matulha ġie deċiż li jiġi enfasizzat l-importanza tal-low light pollution u l-offerta li ġiet ippublikata ġiet ibbazata fuq dan il-punt kruċjali. L-offerta tagħlaq ......... U l-Kunsill qabel li l-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mil-Inġiniera Lara Agius, is-Sur William Sultana, l-Avukat Joshua Grech, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Sar qbil li l-offerta għandha tiġi evalwata appena tagħlaq. Sar qbil ukoll li b'effett immedjat għandna noħorgu t-tender tal-playingfield equipment.

29.7.4 **Hitan tas-Sejjieħ** - Is-Sindku spjega kif il-Kuntrattur kellu jibda il-ġimgħa l-oħra iżda ma setax minħabba l-maltemp. Sar qbil li għandna nfakkruh biex jagħti bidu għal dan il-proġett.

29.7.5 **Librerija** - Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li tfajna mal-LESA sabiex inwettqu dan il-proġett minn dan il-fond. Kemm il-darba tiġi aċċettata għandna nbattlu l-istores u nagħtu bidu għal dan il-proġett.

29.7.6 **Ta' Bordin** - Is-Sindku rrefera għal fatt li l-perit lesta il-kejl u fadal is-savings sabiex issir parti oħra mit-triq kif tkellema fil-laqgħat preċedenti. Is-Sindku rrefera għal fatt li bgħatna change request biex nużaw is-savings għal stretch oħra tat-triq u qed nistennew l-approvazzjoni.

29.7.7 **Arkata** - Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li ressaqna mad-dipartiment tal-artijiet u li tinsab qed tiġi proċessata. Huwa spjega kif għadna ma appilkajniex mal-Awtorita tal-Ippjanar għax irridu nistennew l-eżitu tal-applikazzjoni tal-Lands l-ewwel.

29.7.8 **Playingfield Amabile Cauchi** - Is-Sindku spjega kif il-Perit issottometta l-applikazzjoni mal-Awtorita'tal-Ippjanar kif ukoll mad-Dipartiment tal-Artijiet għal dan il-proġett.

## 29.8 Applikazzjoni ta' Skemi

29.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ghamel referenza ghad-diversi skemi li għaddejjin bhalissa u propona li għandna napplikaw ghal kull skema li tohrog.

29.8.2 Huwa rrefera għar-riżultat tal-iskema tal-attivitajiet kulturali u li minnha bbenifikajna bl-ammont ta' €5500 għall-attivita' ta' Bethlem f'Għajnsielem.

29.8.3 Is-Sindku rrefera wkoll b'sodisfazzjon għar-riżultat tal-iskema attivitajiet tal-Milied fejn minnha bbenifikajna mis-somma ta' €15,075.

29.8.4 Is-Sindu rrefera għall-applikazzjonijiet li għadna kemm issottimettejna taħt l-iskema Lesa fejn applikajna għar-refurbishment tal-librerija u oħra għall- Belvedere ta' Triq il-Qigħan.

29.8.5 Irrefera wkoll għall-applikazxjoni li ssottomettejna taħt l-iskema Bellus mnedija mill-Era fejn applikajna wkoll bil- proġett Belvedere tal-Qigħan.

29.8.6 Is-Sindku nforma wkoll li tfajna l-Applikazzjoni tagħna ghal-MOC Awards.

29.8.7 Issottomettejna applikazzjoni oħra taħt il-Community Grant Scheme fejn minnha applikajna għall-tactile studs, railing u platform ix-Xatt l-Aħmar.

*29.8.8 Saret referenza għall-skema oħra mnedija mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dik tal-Manutenzjoni ta' Progetti Infrastrutturali Maġġuri* li tagħlaq fis- 26 ta' Novembru 2021. Il- kunsill qabel li għandu japplika għall-Manutenzjoni tal-latrina b'tali mod li tinqasam f'żewġ latrini kemm tan-nisa u dik tal-irġiel u jinfetah bieb mil-ġenb biex tiġi aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'. Il-Budget massimu għal din l-iskema huwa dak ta' €65,000.

29.8.9 Skema oħra li rrefera għaliha s-Sindku hija dik tal-Proġetti *Kapitali Aċċessibilita' u Mobilita' ġiet* mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li tagħlaq fis-27 ta'Diċembru 2021. Il-Kunsill qabel li għal din l-iskema għandu jinkludi l-progett ta' refurbishment ta' Triq J F de Chambray quddiem il-każini nkluż l-bollards.

*29.8.10 Skema oħra Reġjonali hija dik tal-Kultura Għawdex 2021* li għaliha nistgħu nibbenifikaw sa' massimu ta' €10,000 u jinkludu attivitajiet li jseħħu sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill qabel li għal din għandu japplika għall-iljieli Sajfin u għall-introduzzjoni ta' bollards biex jingħalqu t-toroq.

29.8.11 Skema ohra Reġjonali li rrefera għaliha s-Sindku hija dik tal-Ambjent 2021. Minn dik l-iskema l-Kunsill jista jibbenifika sa' massimmu ta' €12,000. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal fanali Low Light Pollution sabiex jitpoġġew quddiem il-kazżni fi Triq J F de Chambray.

29.8.12 - Għall-iskema oħra Reġjonali, dik tal-Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi – 2021, il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-parti mill-ispejjes tal-Playing Field tal-Gudja Learning Garden.

29.8.13 Skema ohra li jinhtieg li napplikaw ghaliha hija dik tal- Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 li taghlaq nhar is-26 ta' Jannar 2022. Sar qbil li ghandna napplikaw ghall-attivita' ta' Bethlehem f'Ghajnsielem u t-tizjin tal-Milied.

## 29.9 Ġieħ Għajnsielem

29.9.1 Ġiet diksussa ċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ Għajnsielem u l-post fejn għandha ssir. Il-kunsilliera Larry Buttiġieġ u Stephen Mercieca proponew li terġa ssir fil-Knisja Parrokjali peress li s-sena l-oħra kienet suċċess u minhabba d-distanza li tinħtieġ tinżamm wieħed ikun aktar jista jattendi faċilment. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi l-Knisja hija l-aħjar post fejn isir dan l-avveniment.

29.9.2 Is-Sindku għadda għan-nominazzjoni tar-rebbieħ ta' Ġieħ Għajnsielem 2021. Huwa talab lill-kunsilliera jekk iridux li jressqu xi nomini u ssir votazzjoni fuqhom jew inkellha tiġi nominata persuna u ssir votazzjoni fuqha. Il-Kunsilliera qablu li ssir nominazzjoni. Is-Sindku nnomina lil Justin Buttigieg li huwa żagħżugħ li jaħseb li lkoll jaqblu dwaru għad-dedikazzjoni kbira li għandu fil- qasam tal-volontarjat u fid-dawl tal-kriżi tan-nuqqas ta' voluntiera jekk ma jkollnix nies bħal Justin nistgħu nieqfu. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' din in-nomina.

29.9.3 Sar qbil li s-serata għandha ssir fl-10 ta' Diċembru 2021 wara l-quddiesa u r-riċeviment isir fil-Każin tal-Banda wara l-inawgurazzjoni tas-Siġra tal-Milied.

## 29.10 Jum it-Tifkira

29.10.1 Nhar il-Hadd 14 ta' Novembru 2021, il-Kunsill Lokali Għajnsielem ser jikkommemora l-vittmi tal-gwerra permezz ta' quddiesa fil-Knisja Arċipretali fl-10:00am. Dritt wara ser jitpoġġew il-kuruni fi ħdan il-monument tal-Gwerra fi Triq J F de Chambray. Il-qraba ta' dawn il-vittmi huma mistiedna jingħaqdu magħna għall-quddiesa u għaċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-kuruni fi ħdan l-istess monument. Ser tindaqq ukoll il-fanfarra f'ġieħ dawn il-vittmi u ser issir wirja tal- karozzi.

## 29.11 Bethlehem f'Għajnsielem

**29.11.1** Il-Kunsill iddiskuta dwar x'ser isir minn din l-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ser tinżamm nhar il-Hamis li ġej mal-awtoritajiaet tas-saħħa, mal-MTA u Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku spjega kif jinħtieġ li ningħataw għajnuna kbira finanzjarja u ta' riżorsi biex jissewwew il-ħsarat estensivi li ġarrab is-sit. Huwa spjega wkoll li jekk japplikawlna l-kundizzjoni ta' numru limitat ta' persuni li jidħlu f'daqqa rridu naraw x'sistema ser naddottaw.

29.11.2 Il-Kunsill qabel li għandu jistenna li jgħaddu l-laqgħat u nerġghu niltaqgħu biex niddiskutu l-andament li għandna nimxu bih.

## 29.12 Attivitajiet Milied

29.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-festi tal-Milied u attivitajiet marbuta magħhom. Huwa propona li għandna norganizzaw xi attivitajiet u li għalihom għandna napplikaw mal-Awtoritajiet tas-Saħħa ghall-permessi neċessarji.

29.12.2 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jtella' dawn l-attivitajiet:-

- *Ittra lil Santa Clause għat-tfal u wara tintbgħatilhom ittra lura*
- *Santa madwar Għajnselem bit-train bl-akkumpanjament tal-group Joy givers*
- *Attivita' għall- anzjani*
- *Kompetizzjoni għall-aħjar presepju, faċċata u tieqa*
- *Esebizzjoni tal-presepji u dioramas organizzata mill-Għaqda Hbieb tal-Presepju Għajnsielem*
- *Kunċert t' Charles Buttigieg*
- *Twaqqif ta' Santa's Village*
- *Sports Day Tradizzjonali*
- *Attivita ta' Santa jzur lil Għajnsielem (possibilita' li Santa jinżel mill-kampnar permezz ta' Fire Engine)*
- *Attivita' għat-tfal ħdejn Santa's Village*
- *Attivita għat-tfal fl-aħħar ġurnata tal-iskola*
- *Purċissjoni tal-Bambin lejliet il-Milied*
- *Kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina u messaġġ għat-tfal u wara jiġu printjati u jitqassmu f'kull residenza.*
- *Attivita' ta' Gieħ Għajnsielem u inawgurazzjoni tas-Sigra tal-Milied nhar Jum Għajnsielem, fl-10 ta' Diċembru 2021.*

29.12.3 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għall-aktar ħtieġa ta' flixken biex titkompla l-attrazzjoni l-ġdida, dik ta' żewġ fanali li jikkumplimentaw is-siġra. Huwa ta deskrizzjoni tad-disinn tal-fanali.

29.12.4 Is-Sindku spjega kif rigward it-tizjin tal-Milied huwa kellu laqgha mat-tlett kuntratturi u x-xogħol ser jitqassam bejniethom.

29.12.5 Sar qbil li ghandna nfasslu kalendarju tal-attivitajiet li wara li jiġi approvat jiġi printjat u jitqassam f'kull dar.

## 29.13 Ġemmellaġġi Loreto/Ustica

29.13.1 Is-Sindku għamel referenza għall-ħbiberija li għandna mal-komunita' ta' Loreto fejn issa li għandna whatsapp group bejnietna qed titrawwem ċerta ħbiberija. Bħala attivita' riċenti li ħadna sehem dirett fiha kien waqt inawgurazzjoni ta' esebizzjoni tal-kliem u lingwi b'mod virtwali li saret f'Loreto. Sar qbil li għandna nfakkruhom f'xi kotba li kellhom jibgħatu lill-iskola tagħna. Is-sindku rrefera wkoll għal fatt li kkuntatja lill-artist mil-lokalita' tagħna Joe Xuereb fejn qed jaħdem fuq il-

monument ta' ħbiberija bejn iż-żewġ komunitajiet ta' Għajnsielem u Loreto. Is-Sindku spjega li wasal iż-żmien li niltaqgħu fiżikament biex din il-ħbiberija tkompli tikber u eventwalment tissarraf fit-tieni ġemellaġġ.

29.13.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proposta ta' ħbiberija mal-gżira ta' Ustica fi Sqallija . Huwa spjega kif x'ħin huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa tal-proġett li qed nissieħbu fih ma' gżejjer oħra Sqallin, Amppa, iltaqgħu ma' Davide Bruno li huwa Direttu MPA tal-gżira ta' Ustica fejn wera x-xewqa li nibdew relazzjonijiet bejn il-komunita' ta' Għajnsielem u dik ta' Ustica. Din il-gżira tinsab siegħa l-bogħod minn Palermo permezz tal-vapur u għandha popolazzjoni ta' 1500 persuna. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu b'dawn id-diskussjonijiet għax wieħed ma għandu xejn x'jitlef milli jkompli jiftaħ l-orizzonti tiegħu ta' ħbiberiji.

-

## 29.14 Progett Amppa

29.14.1 Is-Sindku għamel referenza għal-kuntatti wara ħafna laqgħat online għall-progett Amppa u li issa l-affarijiet żviluppaw b'mod differenti. Il-proġett li aħna parteċipi fih flimkien mal-Kunsill tal-Għarb flimkien ma' gżejjer oħra fi Sqallija saret l-ewwel laqgħa formali tiegħu fil-gżira ta' Favigna bejn it-23 u l-24 t'Ottubru 2021. Għal dan il-proġett, il-Kunsill tagħna ser jibbenifika minn madwar 300,000 f'fondi li ser jissarfu f'materjal edukattiv lit-tfal dwar x'hemm fil -baħar, fi studju ambjentali, materjal promozzjonali fejn ukoll, nistgħu nipprintjaw ktieb, u nistgħu wkoll nibnu Ċentru Nformattiv fix-Xatt l-Aħmar. Il-Kunsill qabel li għandna nqabbdu xi esperti biex jiggwidawna fl-ippjanar u għall-aħjar użu ta' dawn il-fondi.

29.14.2 Is-Sindku spjega kif bħala First Level Controller intbgħatu tlett applikazzjonijiet mingħand Daniel Galea għal prezz ta' €4900 mingħand Antonella Curmi ghal prezz ta' €5100 u mingħand Pauliana Said għall-prezz ta' €4800. Il-Kunsill qabel li għandu jagħzel lill-Pauliana Said peress li hija l-orħos offerta.

## 29.15 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Għajnsielem Learning Garden

29.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv prezentat ir-rapport kif preparat mill-Bord tal-Evalwazzjoni li evalwa l-offerta tal-kostruzzjoni tal-Għajnsielem Learning Garden. Ir-rakkommandazzjoni tal-Bord waqgħet fuq l-orħos offerta mitfugħa mill-kuntrattur Mark Attard għall-prezz ta' € 191,892.50Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u sar qbil li għamdha tintbgħatlu l-ittra ta' aċċettazzjoni u eventwalment jiġi ffirmat il-kuntratt.

## 29.16 Approvazzjoni tal-Interview tal-Steward tal-Annimali

29.16.1 Is-Segretarja ressqet ir-rapport tal-Interview għall-post tal-Steward tal-Annimali għall-approvazzjoni. Fl-ewwel post ġiet klassifikata Maria Borg. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lil Jobplus b'din l-għażla u għandu jiffirma l-kuntratt u tibda b'effett immedjat.

## 29.17 Materji oħra

29.17.1 Waqt il-laqgħa ġew mistiedna l-Band għajnselmiża Joygivers u l-Kunsill tahom merħba. Is-Sindku Kevin Cauchi faħħarhom kif mix-xejn irnexxielhom joħolqu band li qed tagħmel isem anke fl-għola postijiet taċ-ċarts Maltin u bdew billi taw isem u ġieħ lil Għajnsielem. Dan kollu jkompli jagħtina spinta sabiex noħolqu aktar attivitajiet fejn ninkludu t-talent lokali. Huwa spjega kif preżentament minhabba r-restrizzjonijiet qed niftħu ftit ftit bil-mod. L-iskop ta' din l-istedina kien li nisimgħu l-ideat tagħhom u naraw fejn nistgħu naħdmu flimkien. Is-Sur Albert Agius ħareġ bl-idea li fi żmien il-Milied norganizzaw truck bil-band fuqu u jagħmel waqfiet f'diversi siti f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel perfettament ma'din l-idea u sar qbil li għandna norganizzaw train b'Santa Clause li ddur flimkiken mat-truck fit-toroq biex titqajjem allegrija.

## 29.18 Approvazzjoni tal-Pagamenti

29.18.1 Is-Segretarju Eżekuttiv prezentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 29.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.19.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 u ġiet aġġornata mingħajr data.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**